Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 134

Volum 62

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

22 ta' Mejju 2019

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/819 tal-1 ta' Frar 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-kunflitti ta' interess, il-kejl tal-impatt soċjali u l-informazzjoni mogħtija lill-investituri fil-qasam tal-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej** [1] 1

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/820 tal-4 ta' Frar 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-kunflitti ta' interess fil-qasam tal-fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju** [1] 8

★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/821 tat-12 ta' Marzu 2019 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1076 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jinkludi l-Istat Indipendenti ta' Samoa fl-Anness I** 12

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/822 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** 13

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/823 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** 16

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/824 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni Estiża tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT), u li tħassar id-Deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fis-CCSBT** 19

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/819

tal-1 ta' Frar 2019

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-kunflitti ta' interess, il-kejl tal-impatt soċjali u l-informazzjoni mogħtija lill-investituri fil-qasam tal-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(5), l-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 14(4) tiegħu,

Billi:

(1) Il-maniġers ta' fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jenħtieġ li jadottaw proċeduri u miżuri biex jiżguraw li l-persuni involuti f'dawn l-attivitajiet kummerċjali jwettqu dawn l-attivitajiet fl-aħjar interess tal-fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti u tal-investituri tagħhom. Sabiex jinkiseb livell armonizzat ta' protezzjoni tal-investituri fl-Unjoni, u biex dawn il-maniġers ikunu jistgħu jadottaw u jsegwu prassi konsistenti u effettiva għall-prevenzjoni, għall-monitoraġġ u għall-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess, jenħtieġ li fil-politika tagħhom tal-kunflitti ta' interess ikun elenkat sett minimu ta' passi. Sabiex jiġu evitati piżijiet amministrattivi mhux neċessarji filwaqt li jiġi garantit livell xieraq ta' protezzjoni tal-investituri, jenħtieġ li l-politiki tal-kunflitti ta' interess jiġu adattati għan-natura, għall-iskala u għall-kumplessità tan-negozji tal-maniġers.

(2) Il-proċeduri u l-miżuri stabbiliti fil-politiki tal-kunflitti ta' interess jaf ikunu insufiċjenti biex jipproteġu l-interessi tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu. F'dak il-każ jenħtieġ li l-maniġers tal-fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jieħdu l-passi addizzjonali neċessarji biex jipproteġu dawn l-interessi. Jenħtieġ li dawn il-passi jkunu jinkludu l-informar tal-maniġment superjuri jew ta' korp intern kompetenti ieħor tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti, kif ukoll it-teħid tad-deċiżjonijiet jew tal-azzjonijiet neċessarji biex jaġixxu fl-aħjar interess tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu.

(3) Il-maniġers ta' fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jistgħu jkunu attivi fil-maniġment ta' kumpaniji li fihom jinvestu l-fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti. Sabiex jiġu prevenuti kunflitti ta' interess u biex jiġi garantit li d-drittijiet tal-vot ta' dawn il-maniġers jiġu eżerċitati għall-benefiċċju tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti kkonċernat kif ukoll tal-investituri tiegħu, huwa neċessarju li jiġu speċifikati r-rekwiżiti dettaljati b'rabta mal-eżerċitar ta' dawn id-drittijiet tal-vot. Sabiex jiġi żgurat standard suffiċjenti ta' protezzjoni tal-investituri, jenħtieġ li l-maniġers ta' fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jiżviluppaw strateġiji adegwati u effettivi f'dak ir-rigward, u fuq talba jipprovdu sommarju ta' dawn l-istrateġiji u tal-azzjonijiet li ħadu.

(4) Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-iżvelar ta' kunflitti ta' interess, jenħtieġ li l-informazzjoni pprovduta tiġi aġġornata regolarment. Minħabba r-riskju inerenti tal-użu ta' sit web bħala għodda għall-iżvelar tal-kunflitti ta' interess, huwa neċessarju li jiġu stipulati l-kriterji għall-pubblikazzjoni ta' dik l-informazzjoni.

([1]) ĠU L 115, 25.4.2013, p. 18.

(5) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti fir-rigward tal-proċeduri użati mill-maniġers tal-fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti għall-kejl tal-impatt soċjali pożittiv miksub mill-impriżi tal-portafoll kwalifikanti, jenħtieġ li f'dawn il-proċeduri jiġu inkorporati elementi speċifiċi. Ir-riżorsi użati mill-impriżi tal-portafoll kwalifikanti kif ukoll il-prodotti u s-servizzi magħmula disponibbli minn dawn l-impriżi huma indikaturi ewlenin tal-impatt soċjali pożittiv, u għalhekk jenħtieġ li jifformaw parti integrali minn dawn il-proċeduri. Sabiex issir distinzjoni bejn intrapriżi soċjali u impriżi li jiksbu l-għanijiet soċjali b'mod inċidentali biss, jenħtieġ li bħala parti minn dawn il-proċeduri ssir ukoll evalwazzjoni tar-riżultati ġġenerati mill-impriżi tal-portafoll kwalifikanti.

(6) Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-informazzjoni prekuntrattwali pprovduta lill-investituri tkun tinkludi dettalji suffiċjenti dwar il-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti. Għalhekk jenħtieġ li d-deskrizzjoni tal-istrateġija u tal-objettivi tal-investiment tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti tkun tinkludi deskrizzjonijiet tas-setturi soċjali, taż-żoni ġeografiċi u tal-forom ġuridiċi tal-impriżi tal-portafoll kwalifikanti li fihom il-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti għandu l-intenzjoni jinvesti, kif ukoll informazzjoni dwar id-distribuzzjoni tal-profitti ta' dawn l-impriżi.

(7) Jenħtieġ li l-investituri jingħataw l-informazzjoni neċessarja biex jivvalutaw il-metodoloġiji sottostanti użati mill-maniġer tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti biex ikejjel l-impatt soċjali. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-informazzjoni prekuntrattwali tkun tispeċifika jekk il-maniġer tal-intraprenditorija soċjali kwalifikanti jkunx ibbaża fuq metodoloġiji interni jew jekk użax metodoloġiji aċċettati mill-maġġoranza. Jenħtieġ li l-informazzjoni prekuntrattwali tkun tinkludi wkoll deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-metodoloġiji, inklużi l-kriterji ta' skrinjar, l-indikaturi rilevanti u spjegazzjoni ta' kif il-maniġer tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jiżgura l-konformità ma' dawn il-metodoloġiji.

(8) Jenħtieġ li l-investituri jkunu jistgħu jivverifikaw jekk il-maniġer tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jsegwix il-politika ta' investiment waqt li jkun qiegħed jagħżel assi mhux kwalifikanti. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-informazzjoni prekuntrattwali tkun tinkludi informazzjoni dwar it-tipi ta' assi mhux kwalifikanti li fihom jinvesti l-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti, it-tekniki tal-investiment, ir-restrizzjonijiet rilevanti, u s-settur tal-attività u ż-żona ġeografika li fihom isiru dawn l-investimenti.

(9) Għall-finijiet tat-trasparenza, jenħtieġ li l-investituri jingħataw l-informazzjoni neċessarja għall-valutazzjoni tan-natura u tal-estent tas-servizzi ta' appoġġ għan-negozju u tal-attivitajiet ta' appoġġ l-oħra li l-maniġer ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti qed jipprovdi huwa stess jew permezz ta' partijiet terzi. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-informazzjoni prekuntrattwali dwar is-servizzi ta' appoġġ għan-negozju u l-attivitajiet ta' appoġġ l-oħra tkun tiddeskrivi t-tipi ta' servizzi u l-attivitajiet ipprovduti.

(10) Sabiex il-maniġers ta' fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jkunu jistgħu jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda, jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita b'sitt xhur,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Tipi ta' kunflitt ta' interess

Għall-finijiet tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013, it-tipi ta' kunflitt ta' interess għandhom ikunu sitwazzjonijiet meta maniġer ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti, persuna li twettaq effettivament in-negozju ta' dak il-maniġer, impjegat, jew kwalunkwe persuna li tikkontrolla jew li hija kkontrollata direttament jew indirettament minn dak il-maniġer, minn fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti ieħor jew impriża ta' investiment kollettiv, inkluż impriża ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS, undertaking for collective investment in transferable securities), ġestita mill-istess maniġer, jew l-investitur rispettiv,

(a) x'aktarx li jagħmel qligħ finanzjarju, jew jevita telf finanzjarju, għad-detriment tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu;

(b) għandu interess fl-eżitu ta' servizz jew ta' attività pprovduta lill-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jew lill-investituri tiegħu li huwa distint mill-interess tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu;

(c) għandu interess fl-eżitu ta' tranżazzjoni mwettqa f'isem il-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jew l-investituri tiegħu li huwa distint mill-interess tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu;

(d) għandu inċentiv finanzjarju jew inċentiv ieħor biex jiffavorixxi:

(i) l-interess ta' investitur, ta' grupp ta' investituri jew ta' impriża ta' investiment kollettiv oħra, inkluż UCITS, fuq l-interess tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu;

(ii) l-interess ta' wieħed mill-investituri fil-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti fuq l-interess ta' investitur ieħor jew ta' grupp ta' investituri f'dak il-fond;

(e) iwettaq l-istess attivitajiet għall-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti, impriża ta' investiment kollettiv oħra, inkluż UCITS, jew investitur;

(f) iħallas jew jitħallas xi tariffa jew kummissjoni, jew jagħti jew jingħata xi benefiċċji mhux monetarji, għajr dawk stipulati fl-Artikolu 24(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2013 ([2]);

(g) jinfluwenza u għandu interess personali li jinfluwenza l-iżvilupp ta' impriża tal-portafoll kwalifikanti għad-detriment tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu jew għad-detriment tal-ksib tal-objettivi tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti.

Artikolu 2

Politika tal-kunflitti ta' interess

1. Maniġer ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti għandu jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm politika miktuba tal-kunflitti ta' interess li hija xierqa għad-daqs u għall-istruttura organizzazzjonali ta' dak il-maniġer minħabba n-natura, l-iskala u l-kumplessità tan-negozju tiegħu.

2. Il-politika tal-kunflitti ta' interess imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tidentifika, konformi mal-Artikolu 1, iċ-ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal kunflitt ta' interess u għandha tispeċifika l-miżuri li għandhom jiġu adottati u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fuq bażi kontinwa.

Artikolu 3

Proċeduri u miżuri għall-prevenzjoni, għall-ġestjoni u għall-monitoraġġ tal-kunflitti ta' interess

Il-miżuri li għandhom jiġu adottati u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti, imsemmija fl-Artikolu 2(2), għandhom jinkludu mill-inqas il-passi li ġejjin:

(a) il-projbizzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni bejn il-persuni jew l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1, jekk tali skambju ta' informazzjoni jista' jwassal għal jew jiffaċilita kunflitt ta' interess;

(b) is-separazzjoni tas-superviżjoni tal-persuni jew tal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 li l-interessi tagħhom jistgħu jkunu f'kunflitt;

(c) it-tneħħija tar-rabta bejn jew id-dipendenza fuq ir-remunerazzjoni tal-persuni jew tal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 li huma prinċipalment involuti f'attività waħda, u r-remunerazzjoni ta', jew id-dħul iġġenerat minn, persuni jew entitajiet prinċipalment involuti f'attività oħra, fejn jista' jinħoloq kunflitt ta' interess marbut ma' dawk l-attivitajiet;

(d) il-prevenzjoni ta' persuni jew entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 milli jeżerċitaw influwenza mhux xierqa fuq il-maniġment tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti;

(e) il-prevenzjoni jew il-kontroll tal-involviment ta' persuni jew entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 fi kwalunkwe attività li tista' twassal għal kunflitt ta' interess.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-operat, id-depożitarji, l-ingranaġġ, it-trasparenza u s-superviżjoni (ĠU L 83, 22.3.2013, p. 1).

Artikolu 4

Il-ġestjoni tal-konsegwenzi ta' kunflitti ta' interess

Jekk il-miżuri u l-proċeduri previsti fil-politika tal-kunflitti ta' interess skont l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 3 jkunu insuffiċjenti għall-prevenzjoni, b'kunfidenza raġonevoli, tar-riskji ta' dannu għall-interessi tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu, il-maniġers ta' fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti għandhom jieħdu l-passi li ġejjin:

(a) jinformaw malajr lill-maniġment superjuri tagħhom jew lil korp intern kompetenti ieħor tagħhom, jew lill-maniġment superjuri jew lil korp intern kompetenti ieħor tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti, bir-riskju ta' dannu għall-interessi ta' dak il-fond jew tal-investituri tiegħu;

(b) jieħdu kwalunkwe deċiżjoni jew azzjoni biex jiżguraw li jaġixxu fl-aħjar interess tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu.

Artikolu 5

Strateġiji għall-eżerċitar tad-drittijiet tal-vot biex ikunu prevenuti kunflitti ta' interess

1. Il-maniġers tal-fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti għandhom jiżviluppaw, bil-miktub, strateġiji adegwati u effettivi biex jiddeterminaw meta u kif għandhom jiġu eżerċitati d-drittijiet tal-vot miżmuma fil-portafoll tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti għall-benefiċċju tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti kkonċernat u tal-investituri tiegħu.

2. L-istrateġiji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiddeterminaw il-miżuri li għandhom jiġu adottati u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti u għandhom jinkludu mill-inqas il-passi li ġejjin:

(a) il-monitoraġġ tal-azzjonijiet korporattivi rilevanti;

(b) l-iżgurar li l-eżerċitar tad-drittijiet tal-vot ikun skont l-għanijiet tal-investiment u l-politika tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti;

(c) il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess li jirriżulta mill-eżerċitar ta' dawk id-drittijiet tal-vot.

3. Fuq talba, il-maniġers tal-fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti għandhom jipprovdu lill-investituri deskrizzjoni mqassra tal-istrateġiji msemmija fil-paragrafi 1 u 2 u d-dettalji tal-azzjonijiet meħuda skont dawn l-istrateġiji.

Artikolu 6

Żvelar tal-kunflitti ta' interess

1. Il-maniġers tal-fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 f'mezz li jservi għal żmien twil, kif imsemmi fil-punt (m) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u jżommu dik l-informazzjoni aġġornata.

2. Il-maniġers tal-fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti jistgħu jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 permezz ta' sit web, mingħajr ma jindirizzaw dik l-informazzjoni lill-investitur personalment, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-investituri jkunu ġew notifikati bl-indirizz tas-sit web u bil-post tas-sit web minn fejn tista' tiġi aċċessata l-informazzjoni;

(b) l-investituri jkunu taw il-kunsens tagħhom biex dik l-informazzjoni tingħata permezz ta' sit web;

(c) l-informazzjoni tkun aċċessibbli kontinwament fuq is-sit web għall-perjodu taż-żmien li l-investituri jistgħu raġonevolment ikollhom bżonn biex jaċċessawha.

([3]) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

Artikolu 7

Proċeduri għall-kejl tal-impatt soċjali pożittiv

1. Il-maniġers tal-fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti għandhom jiżguraw li l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 jinkludu mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) evalwazzjoni tar-riżorsi użati mill-impriżi tal-portafoll kwalifikanti;

(b) evalwazzjoni tal-prodotti u tas-servizzi magħmula disponibbli mill-impriżi tal-portafoll kwalifikanti;

(c) evalwazzjoni tal-eżiti attribwibbli lill-attivitajiet tal-impriżi tal-portafoll kwalifikanti.

Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, l-eżiti li kieku kienu jseħħu xorta u l-eżiti attribwibbli lil partijiet terzi m'għandhomx ikunu attribwibbli lill-attivitajiet tal-impriżi tal-portafoll kwalifikanti.

2. L-evidenza insostenn tal-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi suġġetta għal awditjar konformi mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013.

Artikolu 8

Deskrizzjoni tal-istrateġija u tal-objettivi tal-investiment

1. L-informazzjoni msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 għandha tinkludi mill-inqas id-dettalji li ġejjin:

(a) is-settur soċjali jew is-setturi li fihom huma attivi l-impriżi tal-portafoll kwalifikanti;

(b) iż-żona ġeografika li fiha huma attivi l-impriżi tal-portafoll kwalifikanti;

(c) il-forom ġuridiċi tal-impriżi tal-portafoll kwalifikanti;

(d) deskrizzjoni dettaljata tad-distribuzzjoni tal-profitti tal-impriżi tal-portafoll kwalifikanti.

2. L-informazzjoni msemmija fil-punti (ii) u (iii) tal-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 għandha tinkludi informazzjoni dwar mill-inqas il-profil ta' investiment tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti l-ieħor kif ukoll l-informazzjoni pprovduta mill-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-informazzjoni msemmija fil-punt (iv) tal-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 għandha tinkludi mill-inqas informazzjoni dwar it-tipi ta' assi li fihom jinvesti l-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti.

4. L-informazzjoni msemmija fil-punt (v) tal-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 għandha tinkludi mill-inqas informazzjoni dwar jekk it-tekniki jinkludux strumenti tal-ekwità, strumenti ta' investiment ta' kważi ekwità, strumenti ta' dejn garantiti jew mhux garantiti, self garantit jew mhux garantit jew kwalunkwe tip ieħor ta' parteċipazzjoni fl-impriżi tal-portafoll kwalifikanti.

5. L-informazzjoni msemmija fil-punt (vi) tal-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 għandha tinkludi mill-inqas informazzjoni dwar jekk l-istrateġija ta' investiment tal-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti fihiex xi restrizzjonijiet tal-investiment f'termini ta' setturi, attivitajiet, żoni ġeografiċi, perċentwali jew limiti tal-investiment, jew kwalunkwe restrizzjoni oħra.

Artikolu 9

Informazzjoni dwar l-impatt soċjali pożittiv

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 għandha tispeċifika l-prodotti u s-servizzi mmirati li se jiġu pprovduti mill-impriżi tal-portafoll kwalifikanti li fihom jinvesti l-fond ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti.

2. Jekk l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 ikun fiha informazzjoni dwar il-projezzjonijiet tal-impatti soċjali pożittivi, din għandha tiddeskrivi s-suppożizzjonijiet li abbażi tagħhom jiġu kkalkolati dawk il-projezzjonijiet.

3. Jekk l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 ikun fiha informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi f'termini tal-impatt soċjali pożittiv, din għandha tinkludi kopja tar-rapport annwali l-iktar reċenti, jew sommarju tal-informazzjoni rilevanti inkluża fir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013.

Artikolu 10

Informazzjoni dwar il-metodoloġiji użati biex jitkejjel l-impatt soċjali

L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(1)(e) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 għandha tinkludi mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni dwar jekk l-impatti soċjali jitkejlux abbażi ta' metodoloġiji interni jew metodoloġiji oħrajn aċċettati mill-maġġoranza;

(b) deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-metodoloġiji inklużi l-kriterji ta' skrinjar u l-indikaturi rilevanti użati biex jitkejlu l-impatti soċjali.

Artikolu 11

Deskrizzjoni ta' assi mhux kwalifikanti

L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(1)(f) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 għandha tinkludi mill-inqas deskrizzjoni ta' dawn li ġejjin:

(a) it-tekniki tal-investiment u r-restrizzjonijiet tal-investiment applikabbli;

(b) is-settur jew is-setturi ta' attività tal-impriżi tal-portafoll mhux kwalifikanti;

(c) iż-żona ġeografika li fiha huma attivi l-impriżi tal-portafoll mhux kwalifikanti;

(d) il-kriterji użati fl-għażla tat-tipi ta' assi.

Artikolu 12

Informazzjoni dwar is-servizzi ta' appoġġ

L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(1)(l) tar-Regolament (UE) Nru 346/2013 għandha tinkludi mill-inqas:

(a) deskrizzjoni tat-tipi ta' servizzi ta' appoġġ għan-negozju u attivitajiet ta' appoġġ oħra;

(b) informazzjoni dwar jekk is-servizzi ta' appoġġ għan-negozju u l-attivitajiet ta' appoġġ l-oħra jiġux ipprovduti minn partijiet terzi.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn nhar mill-11 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/820

tal-4 ta' Frar 2019

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-kunflitti ta' interess fil-qasam tal-fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(5) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex ikunu żgurati kontroll u ġestjoni effettivi tal-kunflitti ta' interess fil-qasam tal-fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju, importanti li jiġu speċifikati s-sitwazzjonijiet li fihom huma probabbli interessi kunfliġġenti.

(2) Fil-kuntest ta' fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti, it-tipi ta' kunflitti ta' interess ivarjaw skont ir-rwol, l-interessi u l-inċentivi tal-persuni involuti. Sabiex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni ta' kunflitti ta' interess f'dan il-kuntest, huwa neċessarju li tiġi stabbilita lista ta' sitwazzjonijiet meqjusa li jagħtu lok għal kunflitti ta' interess. Din il-lista jenħtieġ tkun wiesgħa biżżejjed biex tkopri kull tip ta' kunflitt ta' interess li jista' jinħoloq fil-qasam tal-fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju. Għaldaqstant, jenħtieġ li t-tipi ta' kunflitti ta' interess ikunu jinkludu sitwazzjonijiet fejn ikun hemm prospett ta' qligħ finanzjarju jew evitar ta' telf finanzjarju, jew fejn l-inċentivi jiġu pprovduti b'mod li jiffavorixxi interessi partikolari għad-detriment tal-interessi tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu.

(3) Il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jenħtieġ li jadottaw proċeduri u miżuri biex jiżguraw li l-persuni involuti f'dawn l-attivitajiet kummerċjali jwettqu dawn l-attivitajiet fl-aħjar interess tal-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti u tal-investituri tagħhom. Sabiex jinkiseb livell armonizzat ta' protezzjoni tal-investituri fl-Unjoni, u biex dawn il-maniġers ikunu jistgħu jadottaw u jsegwu prassi konsistenti u effettiva għall-prevenzjoni, għall-monitoraġġ u għall-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess, jenħtieġ li fil-politika tagħhom tal-kunflitti ta' interess ikun elenkat sett minimu ta' passi. Sabiex jiġu evitati piżijiet amministrattivi mhux neċessarji filwaqt li jiġi garantit livell xieraq ta' protezzjoni tal-investituri, jenħtieġ li l-politiki tal-kunflitti ta' interess jiġu adattati għan-natura, għall-iskala u għall-kumplessità tan-negozji tal-maniġers.

(4) Il-proċeduri u l-miżuri stabbiliti fil-politiki tal-kunflitti ta' interess jaf ikunu insufficjenti biex jipproteġu l-interessi tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu. F'dak il-każ jenħtieġ li l-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jieħdu l-passi addizzjonali neċessarji biex jipproteġu dawn l-interessi. Jenħtieġ li dawn il-passi jkunu jinkludu l-informar tal-maniġment superjuri jew ta' korp intern kompetenti ieħor tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti, kif ukoll it-teħid tad-deċiżjonijiet jew tal-azzjonijiet neċessarji biex jaġixxu fl-aħjar interess tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu.

(5) Il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jistgħu jkunu attivi fil-maniġment ta' kumpaniji li fihom jinvestu l-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti. Sabiex jiġu prevenuti kunflitti ta' interess u biex jiġi garantit li d-drittijiet tal-vot ta' dawn il-maniġers jiġu eżerċitati għall-benefiċċju tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti kkonċernat kif ukoll tal-investituri tiegħu, huwa neċessarju li jiġu speċifikati r-rekwiżiti dettaljati b'rabta mal-eżerċitar ta' dawn id-drittijiet tal-vot. Sabiex jiġi żgurat standard suffiċjenti ta' protezzjoni tal-investituri, jenħtieġ li l-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jiżviluppaw strateġiji adegwati u effettivi f'dak ir-rigward, u fuq talba jipprovdu sommarju ta' dawn l-istrateġiji u tal-azzjonijiet li ħadu.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 1).

(6) Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-iżvelar ta' kunflitti ta' interess, jenħtieġ li l-informazzjoni pprovduta tiġi aġġornata regolarment. Minħabba r-riskju inerenti tal-użu ta' sit web bħala għodda għall-iżvelar tal-kunflitti ta' interess, huwa neċessarju li jiġu stipulati l-kriterji għall-pubblikazzjoni ta' dik l-informazzjoni fuq sit web.

(7) Sabiex il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jkunu jistgħu jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda, jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita b'sitt xhur,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Tipi ta' kunflitt ta' interess

Għall-finijiet tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 345/2013, it-tipi ta' kunflitt ta' interess għandhom ikunu sitwazzjonijiet meta maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti, persuna li twettaq effettivament in-negozju ta' dak il-maniġer, impjegat, jew kwalunkwe persuna li tikkontrolla jew li hija kkontrollata direttament jew indirettament minn dak il-maniġer, minn fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti ieħor jew impriża ta' investiment kollettiv, inkluż impriża ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS, undertaking for collective investment in transferable securities), ġestita mill-istess maniġer, jew l-investitur rispettiv,

(a) x'aktarx li jagħmel qligħ finanzjarju, jew jevita telf finanzjarju, għad-detriment tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu;

(b) għandu interess fl-eżitu ta' servizz jew ta' attività pprovduta lill-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jew lill-investituri tiegħu li huwa distint mill-interess tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu;

(c) għandu interess fl-eżitu ta' tranżazzjoni mwettqa f'isem il-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jew l-investituri tiegħu li huwa distint mill-interess tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu;

(d) għandu inċentiv finanzjarju jew inċentiv ieħor biex jiffavorixxi:

— l-interess ta' investitur, ta' grupp ta' investituri jew ta' impriża ta' investiment kollettiv oħra, inkluż UCITS, fuq l-interess tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu;

— l-interess ta' wieħed mill-investituri fil-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti fuq l-interess ta' investitur ieħor jew ta' grupp ta' investituri f'dak il-fond;

(e) iwettaq l-istess attivitajiet għall-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti, impriża ta' investiment kollettiv oħra, inkluż UCITS, jew investitur;

(f) iħallas jew jitħallas xi tariffa jew kummissjoni, jew jagħti jew jingħata xi benefiċċji mhux monetarji, għajr dawk stipulati fl-Artikolu 24(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2013 ([2]);

(g) jinfluwenza u għandu interess personali li jinfluwenza l-iżvilupp ta' impriża tal-portafoll kwalifikanti għad-detriment tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu jew għad-detriment tal-ksib tal-objettivi tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti.

Artikolu 2

Politika tal-kunflitti ta' interess

1. Maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti għandu jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm politika miktuba tal-kunflitti ta' interess li hija xierqa għad-daqs u għall-istruttura organizzazzjonali ta' dak il-maniġer minħabba n-natura, l-iskala u l-kumplessità tan-negozju tiegħu.

2. Il-politika tal-kunflitti ta' interess imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tidentifika, konformi mal-Artikolu 1, iċ-ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għal kunflitt ta' interess u għandha tispeċifika l-miżuri li għandhom jiġu adottati u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fuq bażi kontinwa.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-operat, id-depożitarji, l-ingranaġġ, it-trasparenza u s-superviżjoni (ĠU L 83, 22.3.2013, p. 1).

Artikolu 3

Proċeduri u miżuri għall-prevenzjoni, għall-ġestjoni u għall-monitoraġġ tal-kunflitti ta' interess

Il-miżuri li għandhom jiġu adottati u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti, imsemmija fl-Artikolu 2(2), għandhom jinkludu mill-inqas il-passi li ġejjin:

(a) il-projbizzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni bejn il-persuni jew l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1, jekk tali skambju ta' informazzjoni jista' jwassal għal jew jiffaċilita kunflitt ta' interess;

(b) is-separazzjoni tas-superviżjoni tal-persuni jew tal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 li l-interessi tagħhom jistgħu jkunu f'kunflitt;

(c) it-tneħħija tar-rabta bejn jew id-dipendenza fuq ir-remunerazzjoni tal-persuni jew tal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 li huma prinċipalment involuti f'attività waħda, u r-remunerazzjoni ta', jew id-dħul iġġenerat minn, persuni jew entitajiet prinċipalment involuti f'attività oħra, fejn jista' jinħoloq kunflitt ta' interess marbut ma' dawk l-attivitajiet;

(d) il-prevenzjoni ta' persuni jew entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 milli jeżerċitaw influwenza mhux xierqa fuq il-maniġment tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti;

(e) il-prevenzjoni jew il-kontroll tal-involviment ta' persuni jew entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 fi kwalunkwe attività li tista' twassal għal kunflitt ta' interess.

Artikolu 4

Il-ġestjoni tal-konsegwenzi ta' kunflitti ta' interess

Jekk il-miżuri u l-proċeduri previsti fil-politika tal-kunflitti ta' interess skont l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 3 jkunu insuffiċjenti għall-prevenzjoni, b'kunfidenza raġonevoli, tar-riskji ta' dannu għall-interessi tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu, il-maniġers ta' fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti għandhom jieħdu l-passi li ġejjin:

(a) jinformaw malajr lill-maniġment superjuri tagħhom jew lil korp intern kompetenti ieħor tagħhom, jew lill-maniġment superjuri jew lil korp intern kompetenti ieħor tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti, bir-riskju ta' dannu għall-interessi ta' dak il-fond jew tal-investituri tiegħu;

(b) jieħdu kwalunkwe deċiżjoni jew azzjoni biex jiżguraw li jaġixxu fl-aħjar interess tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jew tal-investituri tiegħu.

Artikolu 5

Strateġiji għall-eżerċitar tad-drittijiet tal-vot biex ikunu prevenuti kunflitti ta' interess

1. Il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti għandhom jiżviluppaw, bil-miktub, strateġiji adegwati u effettivi biex jiddeterminaw meta u kif għandhom jiġu eżerċitati d-drittijiet tal-vot miżmuma fil-portafoll tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti għall-benefiċċju tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti kkonċernat u tal-investituri tiegħu.

2. L-istrateġiji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiddeterminaw il-miżuri li għandhom jiġu adottati u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti u għandhom jinkludu mill-inqas il-passi li ġejjin:

(a) il-monitoraġġ tal-azzjonijiet korporattivi rilevanti;

(b) l-iżgurar li l-eżerċitar tad-drittijiet tal-vot ikun skont l-għanijiet tal-investiment u l-politika tal-fond ta' kapital ta' riskju kwalifikanti;

(c) il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess li jirriżulta mill-eżerċitar ta' dawk id-drittijiet tal-vot.

3. Fuq talba, il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti għandhom jipprovdu lill-investituri deskrizzjoni mqassra tal-istrateġiji msemmija fil-paragrafi 1 u 2 u d-dettalji tal-azzjonijiet meħuda skont dawn l-istrateġiji.

Artikolu 6

Żvelar tal-kunflitti ta' interess

1. Il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) Nru 345/2013 f'mezz li jservi għal żmien twil, kif imsemmi fil-punt (m) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u jżommu dik l-informazzjoni aġġornata.

2. Il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti jistgħu jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 permezz ta' sit web, mingħajr ma jindirizzaw dik l-informazzjoni lill-investitur personalment, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-investituri jkunu ġew notifikati bl-indirizz tas-sit web u bil-post tas-sit web minn fejn tista' tiġi aċċessata l-informazzjoni;

(b) l-investituri jkunu taw il-kunsens tagħhom biex dik l-informazzjoni tingħata permezz ta' sit web;

(c) l-informazzjoni tkun aċċessibbli kontinwament fuq is-sit web għall-perjodu taż-żmien li l-investituri jistgħu raġonevolment ikollhom bżonn biex jaċċessawha.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn nhar mill-11 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([3]) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/821

tat-12 ta' Marzu 2019

li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1076 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jinkludi l-Istat Indipendenti ta' Samoa fl-Anness I

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1076 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 li japplika l-arranġamenti għal prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) previsti fi ftehimiet li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/1076 jelenka l-pajjiżi li għalihom japplikaw l-arranġamenti għall-aċċess għas-suq previsti minn dak ir-Regolament.

(2) Fis-6 ta' Diċembru 2018 il-Kunsill, f'isem l-Unjoni, approva l-adeżjoni ta' Samoa fil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn l-Unjoni u l-Istati tal-Paċifiku. Wara li Samoa ddepożitat l-Att tal-Adeżjoni tagħha, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim qiegħed jiġi applikat b'mod proviżorju bejn l-Unjoni u Samoa mill-31 ta' Diċembru 2018.

(3) Għaldaqstant l-Istat Indipendenti ta' Samoa jenħtieġ li jiġi inkluż fl-Anness I,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/1076 jiddaħħal dan li ġej wara l-kliem "SAINT VINCENT u l-GRENADINI":

"L-ISTAT INDIPENDENTI TA' SAMOA".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([1]) ĠU L 185, 8.7.2016, p. 1.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/822

tas-17 ta' Mejju 2019

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata fuqha parzjalment jew kollha kemm hi, jew li żżid kwalunkwe sottodiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati t-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Jixraq li jiġi stipulat li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2019.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Stephen QUEST

Direttur Ġenerali

Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi - NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Oġġett (l-hekk imsejjaħ "puntal bil-kamin") ta' sezzjoni trasversali ċirkolari, b'tul ta' madwar 55 cm u b'dijametru estern ta' 6 cm, magħmul minn folji tal-azzar galvanizzati f'banju sħun. Tarf wieħed tal-puntal għandu forma konika u bil-kamin, filwaqt li t-tarf l-ieħor għandu element f'forma ta' U bit-toqob biex jiddaħħlu l-viti. L-oġġett huwa ddisinjat biex jiddaħħal fl-art jew f'xi materjal ieħor li jservi bħala bażi u mbagħad biex miegħu jintrabtu b'mod permanenti t-travetti tal-injam tal-istrutturi (ladarba jitpoġġew f'posthom jibqgħu f'dik il-pożizzjoni) li jitwaħħlu fl-element f'forma ta' U u jinżammu f'posthom bil-viti. Il-puntali bil-kamin jintużaw fil-kostruzzjoni bl-injam, fis-sistemi tal-enerġija solari, fl-istrutturi li jintużaw fil-ġonna u għall-avvenimenti, fis-sistemi ta' barrikati, fil-bords u l-istrixxuni, eċċ. Ara l-istampa ([1])	7308 90 59	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 3 tat-Taqsima XV u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 7308, 7308 90 u 7308 90 59. L-oġġett għandu l-karatteristiċi oġġettivi ta' "partijiet ta' strutturi" tal-intestatura 7308. Huwa ddisinjat speċifikament biex jgħaqqad l-elementi strutturali; ladarba l-istruttura titpoġġa sew f'postha, tibqa' f'dik il-pożizzjoni. L-oġġett għandu toqob li fihom, waqt l-assemblaġġ, jiddaħħlu l-viti biex jorbtu l-elementi strutturali (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (NSSA) tal-intestatura 7308, il-paragrafu 1). Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 7326 bħala oġġetti oħrajn tal-ħadid jew tal-azzar hija eskluża peress li l-oġġetti li jintużaw fil-kostruzzjoni jaqgħu taħt l-intestatura 7308 (ara wkoll l-NSSA tal-intestatura 7326, il-punt (1)). Għaldaqstant, l-oġġett għandu jiġi klassifikat taħt il-kodiċi NM 7308 90 59 bħala partijiet ta' strutturi tal-azzar.

([1]) L-istampa għandha tintuża biss għal finijiet ta' informazzjoni.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/823

tas-17 ta' Mejju 2019

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata fuqha parzjalment jew kollha kemm hi, jew li żżid kwalunkwe sottodiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati t-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Jixraq li jiġi stipulat li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2019.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Stephen QUEST

Direttur Ġenerali

Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi - NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Oġġett magħmul minn xagħar uman li jikkonsisti fi troffa xagħar magħquda mill-basla. Il-basla magħquda tat-troffa hija, mingħajr aktar ipproċessar, lesta biex titwaħħal max-xagħar naturali tal-persuna billi tiġi applikata s-sħana. Ara l-istampa (*).	6704 20 00	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 6704 u 6704 20 00. Peress li t-troffa hija magħquda mill-basla, l-oġġett jitqies aktar ipproċessat minn dak speċifikat fl-intestatura 6703. Konsegwentament, il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 6703 bħala xagħar uman, imħejji, imnoqqi, ibbliċjat jew maħdum mod ieħor, hija eskluża. Peress li t-troffa hija magħquda mill-basla u l-fatt li l-oġġett, mingħajr aktar ipproċessar, huwa lest biex jitwaħħal max-xagħar naturali tal-persuna, jitqies bħala oġġett magħmul ta' biċċa xagħar barrani, li huwa kopert mill-intestatura 6704 (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata tal-intestatura 6704, il-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu). Għaldaqstant, l-oġġett għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 6704 20 00 bħala trofof marbutin minn tarf wieħed u bħalhom ta' xagħar uman.

(*) L-istampa għandha tintuża biss għal finijiet ta' informazzjoni.

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/824

tal-14 ta' Mejju 2019

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni Estiża tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT), u li tħassar id-Deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fis-CCSBT

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2437 ([1]), l-Unjoni kkonkludiet il-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar ([2]) (il-"Konvenzjoni CSBT"), li stabbiliet il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT).

(2) Is-CCSBT hija responsabbli mill-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona ta' distribuzzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar. Billi l-Konvenzjoni CSBT hija ristretta għall-Istati, is-CCSBT stabbiliet "il-Kummissjoni Estiża tas-CCSBT", li tinkludi entitajiet tas-sajd u l-Unjoni flimkien mal-Membri tas-CCSBT. Fi ħdan is-CCSBT, il-Kummissjoni Estiża tas-CCSBT tħejji d-deċiżjonijiet li jiġu mbagħad formalment approvati mis-CCSBT. Is-CCSBT tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għall-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-aħjar użu tat-Tonna tan-Nofsinhar. Dawn il-miżuri jistgħu jsiru vinkolanti fuq l-Unjoni.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u li jkunu ġestiti b'mod li huwa konsistenti mal-objettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjieg, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Dan jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandu jkollha l-għan li tiżgura li l-isfruttar ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jirrestawra l-popolazzjoni tal-ispeċijiet mistada u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Dan jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tieħu miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni bbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, tappoġġja l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, gradwalment telimina l-iskartar u tippromwovi metodi tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, għal sajd b'impatt baxx fuq l-ekosistema tal-baħar u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 speċifikament jipprevedi li dawk l-objettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-twettiq tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha.

(4) Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea "Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna", u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-Komunikazzjoni konġunta, il-promozzjoni ta' miżuri li jappoġġjaw u jtejbu l-effettività tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u, fejn rilevanti, itejbu l-governanza tagħhom, hija ċentrali għall-azzjoni tal-Unjoni f'dawn il-fora.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2437 tal-14 ta' Diċembru 2015 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT) li jikkonċerna l-istatus ta' Membru tal-Unjoni bħala Membru fil-Kummissjoni Estiża tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (ĠU L 336, 23.12.2015, p. 27).

([2]) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT) li jikkonċerna l-adeżjoni tal-Unjoni fil-Kummissjoni Estiża tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (ĠU L 234, 8.9.2015, p. 3).

([3]) Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

(5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari", tirreferi għal miżuri speċifiċi sabiex jitnaqqas il-plastik u t-tniġġis tal-baħar, kif ukoll it-telf jew l-abbandun ta' rkaptu tas-sajd fil-baħar.

(6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tas-CCSBT għall-perijodu 2019-2023, minħabba li l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar tas-CCSBT ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni u jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 ([4]) u (KE) Nru 1224/2009 ([5]), u r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

(7) Attwalment, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tas-CCSBT hija stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fis-CCSBT. Huwa xieraq li dik id-Deċiżjoni titħassar u li tiġi sostitwita b'Deċiżjoni ġdida li tkun tkopri l-perijodu 2019-2023.

(8) Fid-dawl tan-natura li qed tevolvi tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona ta' distribuzzjoni tat-tonna tan-Nofsinhar u l-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-iżviluppi l-ġodda, inkluż informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni rilevanti oħra ppreżentata qabel jew matul il-laqgħat tas-CCSBT, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri, f'konformità mal-prinċipju tal-koopeorazzjoni leali fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għall-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-perijodu 2019-2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni Estiża tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT) hija stabbilita fl-Anness I.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-Kummissjoni Estiża tas-CCSBT għandha titwettaq f'konformità mal-Anness II.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, l-aktar tard, għal-laqgħa annwali tal-Kummissjoni Estiża tas-CCSBT fl-2024.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT) hija b'dan imħassra.

([4]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

([5]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

([6]) Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Mejju 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
P. DAEA

ANNESS I

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kummissjoni Estiża tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT)

1. PRINĊIPJI

Fil-qafas tas-CCSBT, l-Unjoni għandha:

a) taġixxi f'konformità mal-objettivi u l-prinċipji tal-Unjoni fi ħdan il-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), b'mod partikolari permezz tal-approċċ prekawzjonarju u l-miri relatati mar-rendiment massimu sostenibbli kif stipulat fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, biex tkun promossa l-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, biex jiġu evitati jew jitnaqqsu kemm jista' jkun qabdiet mhux mixtieqa, u jiġi eliminat gradwalment il-qbid skartat, u biex jiġi minimizzat l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar u l-ħabitats tagħhom, kif ukoll, permezz tal-promozzjoni ta' sajd ekonomikament vijabbli u kompetittiv tal-Unjoni, biex ikun provdut livell tal-għajxien ġust għal dawk li jiddependu minn attivitajiet relatati mas-sajd u jitqiesu l-interessi tal-konsumaturi;

b) taħdem lejn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati fil-fażi ta' preparazzjoni għal miżuri tas-CCSBT u tiżgura li l-miżuri adottati fi ħdan is-CCSBT huma skont il-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar;

c) tiżgura li l-miżuri adottati fi ħdan is-CCSBT huma konsistenti mad-dritt internazzjonali, u partikolarment mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar tal-1982, mal-Ftehim tan-NU relatat mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna tal-1995 u mal-Ftehim li jippromwovi l-konformità mal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ġestjoni mill-bastimenti tas-sajd fl-ibħra miftuħa tal-1993 u l-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u tal-Agrikoltura tal-Istat tal-Port tal-2009;

d) tippromwovi pożizzjonijiet konsistenti mal-aħjar prattiki tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) fl-istess żona;

e) tfittex il-konsistenza u s-sinerġija mal-politika li l-Unjoni qed issegwi bħala parti mir-relazzjonijiet bilaterali tas-sajd tagħha ma' pajjiżi terzi, u tiżgura l-koerenza mal-politiki l-oħrajn tagħha b'mod partikolari fl-oqsma tar-relazzjonijiet esterni, l-impjiegi, l-ambjent, il-kummerċ, l-iżvilupp, ir-riċerka u l-innovazzjoni;

f) tiżgura li l-impenji internazzjonali tal-Unjoni jiġu rispettati;

g) tikkonforma mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd ([1]);

h) timmira li toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-flotta tal-Unjoni fi ħdan iż-żona ta' distribuzzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar abbażi tal-istess prinċipji u standards bħal dawk applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni, u li tippromwovi l-implimentazzjoni uniformi ta' dawk il-prinċipji u l-istandards;

i) tkun konformi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ([2]) dwar il-Komunikazzjoni konġunta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea dwar *Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna* ([3]) tippromwovi miżuri biex jappoġġaw u jtejbu l-effettività tas-CCSBT u, fejn rilevanti, ittejjeb il-governanza u l-prestazzjoni tagħha (b'mod partikolari fir-rigward tax-xjenza, il-konformità, it-trasparenza u t-teħid ta' deċiżjonijiet) bħala kontribut għall-ġestjoni sostenibbli tal-oċeani fid-dimensjonijiet kollha tagħha;

j) tippromwovi, fejn xieraq, il-koordinazzjoni bejn l-RFMOs u l-konvenzjonijiet reġjonali tal-baħar (RSCs) u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet globali, kif applikabbli, skont il-mandati tagħhom;

k) tippromwovi l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni ma' RFMOs tat-tonn oħrajn dwar kwistjonijiet ta' interess komuni, b'mod partikolari permezz tar-riattivazzjoni tal-hekk imsejjaħ proċess Kobe għall-RFMOs tat-tonn u l-estensjoni tiegħu għall-RFMOs kollha.

2. ORJENTAZZJONIJIET

L-Unjoni għandha, fejn xieraq, tagħmel ħilitha sabiex tappoġġa l-adozzjoni mis-CCSBT tal-azzjonijiet li ġejjin:

a) miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tad-distribuzzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli, inklużi l-Qabdiet Totali Permissibbli (TACs) u l-kwoti, jew ir-regolazzjoni tal-

([1]) 7087/12 REV 1 ADD 1 COR 1.
([2]) 7348/1/17 REV 1 tal-24.3.2017.
([3]) JOIN(2016) 49 final tal-10.11.2016.

isforz għar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin li huma rregolati mis-CCSBT, li jwasslu biex, sa mhux aktar tard mill-2020, tintlaħaq jew tinżamm ir-rata tal-isfruttament għar-rendiment massimu sostenibbli. Fejn meħtieġ, dawk il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għandhom jinkludu miżuri speċifiċi għall-istokkijiet li huma soġġetti għal sajd żejjed biex l-isforz tas-sajd jinżamm konformi mal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli;

b) miżuri biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw attivitajiet tas-sajd illegali, mhux irrappurtati u mhux irregolati (IUU) fiż-żona ta' distribuzzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar, inkuż l-elenkar tal-bastimenti IUU;

c) miżuri li jsaħħu l-ġbir ta' data xjentifika dwar is-sajd u li jippromwovu kooperazzjoni aħjar bejn l-industrija u x-xjentisti;

d) miżuri ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza fiż-żona ta' distribuzzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar biex jiġu żgurati l-effiċjenza tal-kontroll u l-konformità mal-miżuri adottati fi ħdan il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT);

e) miżuri biex jimminimizzaw l-impatt negattiv tal-attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura fuq il-bijodiversità tal-baħar u l-ekosistemi tal-baħar u l-ħabitats tagħhom, inklużi miżuri biex inaqqsu t-tniġġis tal-baħar u jipprevjenu r-rimi ta' plastik fil-baħar u jnaqqsu l-impatt tal-plastik preżenti fil-baħar fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar, miżuri protettivi għal ekosistemi tal-baħar sensittivi fiż-żona ta' distribuzzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet UNGA, u miżuri biex ikunu evitati u jitnaqqsu kemm jista' jkun il-qabdiet mhux mixtieqa, inkluż b'mod partikolari speċijiet tal-baħar vulnerabbli, u biex jiġi eliminat gradwalment il-qbid skartat;

f) miżuri sabiex jiġi ġestit l-użu ta' rkaptu biex jinġema' l-ħut (FADs) b'mod partikolari sabiex jittejjeb il-ġbir tad-data, sabiex jiġi kwantifikat, traċċat u mmonitorjat b'mod preċiż l-użu tal-FADs, sabiex jitnaqqas l-impatt fuq stokkijiet tat-tonn vulnerabbli, sabiex jitnaqqsu l-effetti potenzjali tagħhom fuq speċijiet fil-mira u mhux fil-mira, kif ukoll fuq l-ekosistema;

g) miżuri sabiex jitnaqqas l-impatt ta' Rkaptu Abbandunat, Mitluf jew Inkella Skartat (ALDFG) fl-oċean u sabiex jiġu ffaċilitati l-identifikazzjoni u l-irkupru tat-tali rkaptu u jitnaqqas il-kontribut għall-materjal skartat fil-baħar;

h) miżuri li l-għan tagħhom huwa li jipprojbixxu s-sajd imwettaq biss bl-iskop tal-ġbir ta' xewk tal-klieb il-baħar u, li jirrikjedu li l-klieb il-baħar kollha jitħattu l-art b'kull xewka mwaħħla magħhom b'mod naturali;

i) rakkomandazzjonijiet, fejn xieraq u sal-limitu permess skont id-dokumenti kostitwenti rilevanti, li jħeġġu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO);

j) miżuri tekniċi addizjonali bbażati fuq pariri mill-korpi sussidjarji u mill-gruppi ta' ħidma tas-CCSBT.

ANNESS II

L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-Kummissjoni Estiża tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar

Qabel kull laqgħa tal-Kummissjoni Estiża tas-CCSBT, meta dak il-korp jintalab jadotta deċiżjonijiet li għandhom effetti legali fuq l-Unjoni, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni tqis l-aħħar informazzjoni xjentifika u informazzjoni rilevanti oħra mibgħuta lill-Kummissjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-orjentazzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

Għal dan il-għan, u abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kunsill, fi żmien suffiċjenti qabel kull laqgħa tas-CCSBT, dokument bil-miktub li jistabbilixxi d-dettalji tal-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni tal-Unjoni għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tad-dettalji tal-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni.

Jekk waqt laqgħa tal-Kummissjoni Estiża tas-CCSBT, inkluża dik fuq il-post, ma jkunx jista' jintlaħaq qbil, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-elementi l-ġodda, il-kwistjoni għandha tiġi referuta lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT